Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 261 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**William Dalli**

Illum, 3 ta Dicembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant William Dalli, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 505356 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli:

1. Hebbejt kontra Floyd Cardona sabiex tingurja, ddejjaq jew taghmel hsara lill-imsemmija persuna (Kap 9. Art. 339 (l) (d)

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, titratta ma' l-akkuzat bhala ufficcjal; jew impjegat pubbliku, li jkun irrenda ruhu hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa

kellu d-dmir li jimpedixxi u dan ai termini ta' l-artikoli 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Settembru, 2019, fejn il-Qorti rat illi l-akkuzat ma giex notifikat fit-terminu provdut fil-Ligi u ghalhekk tiddikjara l-azzjoni preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 t' Ottubru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar il-fuq, tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skond il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat **illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f' dan li ġej.**

Illi, fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet enunċjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-liġi meta għaddiet biex tagħti s-sentenza appellata u ddikjarat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat preskritti mingħajr ma biss rat ir-riferta a rigward in-notifika ta' l-istess appellat bl-akkuzi dedotti kontrih, u dana minkejja li din kienet fil-pussess tal-Uffiċjal Prosekutur *in awla* dakinhar stess. Għaldaqstant, huwa qiegħed jintavola l-appell odjern mis-sentenza surreferita u dana ai termini tal-Artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), u dana peress li jidher li l-Pulizija ma ġewx permessi li jipproduċu, b' appoġġ għall-akkuza, xi prova indispensabbli li kienet ammissibli skond il-Liġi;

Illi, kif ingħad aktar -il fuq, waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Prosekuzzjoni kellha fil-pussess tagħha r-riferta a rigward in-notifika tal-appellat, li kienet filfat datata is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena

elfejn u dsatax (2019). L-Avukat Ġenerali jinsab infurmat li kif l-Uffiċjal Prosekutur kien qed ifittex din ir-riferta speċifika mill-mazz ta' riferti li kellu, l-Ewwel Qorti ma ħassitx il-ħtieġa li tistenna sakemm din l-istess riferta tinstab, u minflok qabdet u ddikjarat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat bħala preskritti, meta dawn ma kienux. Ukoll, meta ftit sekondi wara nstabet din l-istess riferta, il-Qorti rrifjutat milli tieħu konjizzjoni tagħha kif ukoll irrifjutat li tali riferta tkun formanti parti mill-Atti Proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi;

Illi, l-esponent jgħid bl-akbar rispett, illi *konsiderando* li dan kollu ma rriżultax minħabba nuqqas jew traskuraġni da parti tal-Prosekuzzjoni li naqset milli ġġib il-prova mitluba skond il-liġi, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tgħaddi sabiex tiddikjara l-akkuzi in kwistjoni bħala preskritti. B' kull rispett, kien ikun fl-aħjar interess tal-ġustizzja li l-Ewwel Qorti tistenna ftit minuti sakemm din ir-riferta tinstab **qabel** ma' filfatt għaddiet sabiex tagħti d-deċiżjoni finali tagħha fejn iddikjarat li l-akkuzi in kwisjoni kienu preskritti;

Illi, *in oltre* ta' dan kollu, jekk naraw l-artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali li tittratta l-għoti tas-sentenża f' kawża sommarja jingħad li *' meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża*[1]*, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista jkun*[2]*, tagħti sentenża billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'.* Huwa interessanti li wieħed jinnota li d-dover legali huwa mpost prinċipalment fuq il-Qorti li tkun qed tippresjedi fir-rigward tal-għoti tas-sentenża u in oltre dan mhux b' mod stringenti (*jekk jista jkun*). Filfatt dan il-punt tqajjem fil-każ Pulizija vs Frank Borg deċiża mill-Imħallef Harding fejn b' referenża għal din id-disposizzjoni li dak iż-żmien kien l-artikolu 389 tal-Kodiċi Kriminali *' ..l-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliċiment biex ikun impost fuq il-ġudikant l-obbligu tad-deċizjoni sollecita tal-kawża, u għaliex ma hemmx xejn li jimpedixxili għal raġuni ġusta, anki mill-Qorti ' marter*

---

[1] Enfazi tal-appellant.

[2] Enfazi tal-appellant.

*proprio' , jerġgħa jinfetaħ is-smiegħ, sija pure biex titibiddel l-imputazzjoni…'* [3]. *In oltre* u in sostenn ta' dan l-argument jirriżulta li mid-diċitura ta' din id-disposizzjoni, dan id-dover jew obbligu jiskatta meta' l-provi jingħalqu - ħaġa li f' dan il-każ ma saret qatt! B' hekk ma kien hemm l-ebda obbligu li l-Ewwel Qorti tgħaddi għas-sentenza jekk għal xi raġuni ma setgħetx tisma' l-provi dakinhar;

Illi, huwa għalhekk ovvju li b' dak li sar, il-Prosekuzzjoni fil-kawża quddiem l-Ewwel Qorti ġiet impeduta milli ġġib provi li kienu indispensabbli sabiex jissahhu l-akkuzi, liema provi setgħu jinġabu skont il-liġi. *In oltre*, wieħed ma jridx jinsa' li l-akkuza li biha kien qed jiġi akkuzat l-appellat kienet waħda kontravenzjonali u għalhekk l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tlett (3) xhur mill-ġurnata ta' meta seħħ ir-reat – u ċioe mill-ħamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019). Dan isegwi li l-perijodu ta' preskrizzjoni kienet jispiċċa propju fil-ħamsa (5) ta' Ġunju ta' l-istess sena. Kieku l-Ewwel Qorti stenniet ftit minuti sabiex tara r-riferta in kwistjoni, kienet tara li l-appellat kien ġie debitament nnotifikat bl-akkuzi dedotti fil-konfront tiegħu nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), u ċioe' *entro* it-terminu preskritt mill-Liġi. Għalhekk mhux minnu li l-istess akkuzi kienu preskritti, kif ddikjarat erronjament l-Ewwel Qorti, u għaldaqstant, il-kawza kontra l-appellat setgħet tiprosegwixxi skond il-Liġi.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell u dan fis-eduta tas-26 ta Novembru 2019.

Rat l-atti tal-kawza

Ikkunsidrat.

Rat l-atti tal-kawza li huma skarsi hafna.

---

[3] 6 ta' Marzu 1954, Imħallef Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D, il-Pulizija vs Frank Borg, Qorti tal-Appell (Ir-Raba Parti).

Rat il-verbal tas-26 ta' Settembru, 2019[4] fejn hemm miktub is-segwenti :

« *Meta ssejhet il-kawza deher l-ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransley.*

*Deher l-imputat mhux assistit.*

*Il-Qorti tinnota li l-kawza hija preskritta*

*Il-Qorti rat l-akkuzi u l-ligi*

*Inghatat sentenza.*

*Il-Qorti rat illi l-akkuzat ma giex notifikat fit-terminu provdut fil-ligi u ghalhekk tiddikjara l-azzjoni preskritta.* »

Illi fil-process ma jidhirx lihemm xi verbal iehor ta' importanza qabel ma l-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza.

Mill-atti jirrizulta li l-allegat kontravenzjoni sehhet fil-5 ta' Marzu 2019. Illi din il-kawza giet appuntata ghall-17 ta' Lulju, 2019 pero' dak in-nhar ma gie registrat l-ebda progress ghaliex il-Qorti kienet indisposta.

Illi l-kawa regghet instemghet fis-26 ta' Settembru, 2019 u cioe' wara li ghaddew tlett xhur mill-allegat kontravenzjoni. Illi l-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma pprezentat xi riferta biex tindika li l-appellant gie notifikat b'din il-kawza gheluq it-tlett xhur minn meta sehhet l-allegata kontravenzjoni.

Illi l-perijodu preskrittiv ghal din il-kontravenzjoni hija dik ta tlett xhur kif disposta fl-artikolu 688(f) tal-kap 9 ta-ligijiet ta Malta.

L-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu issostni li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjament zbaljat meta iddikjarat l-kawza preskritta minghajr ma rat ir-riferta a

---

[4] Fol.13

rigward tan-notifika ta' l-istess appellat u din minkejja li allegatament kienet fil-pusess tal-ufficcjal prosekutur in awla dakinhar stess.

Illi bir-rispett kollu dan il-fatt ma jirrizultax mill-atti u cioe' li l-ufficcjal prosekutur kellu f'idejh ir-riferta u li l-ewwel Qorti ghazlet li tinjora tali notifika. Illi jinghad li fl-atti ma hemmx esebit riferta tal-appellat u lanqas ma hemm xi verbal li jindika li l-appellat kien notifikat bil-kawza u lanqas ma hemm xi talba maghmula mill-prosekuzzjoni fejn talbet ghal xi posponiment biex tipprezenta tali allegat notifika

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija –vs- Joseph Dougall</u>**[5] il-Qorti kienet irriteniet illi "*Biex l-Avukat Generali (jew skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'kazijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan irid jirrizulta mill-atti: bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament innotifikat, jew li l-prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta.*"

Illi in oltre kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija –vs- Monica Schranz</u>**[6] deciza minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, "*L-ezebizzjoni tar-riferta kienet indikazzjoni cara li l-prosekuzzjoni ma kinitx qed tirrinunzja ghal dak ix-xhud ghax kieku ma kien ikollha ebda interess li tesebixxi r-riferta relattiva.*"

Ghalhekk dan ifisser li l-prosekuzzjoni kellha l-obbligu jew li tipprezenta r-riferta jew almenu titlob posponiment sabeix din ir-riferta tigi esebita u dan ghaleix fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti ma jkollha l-ebda prova kuntrarja 'l ghaliex m'ghandhiex tiddikjara ex ufficcjo li l-akkuza tkun preskritta.

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent De Gaetano LL.D.

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar 21 ta' Frar, 1997.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur